

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.10.2009
KUMM(2009)593 finali

2009/0173 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief (LCVs) ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi għal użu ħafif

{SEG(2009) 1454}

{SEG(2009) 1455}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-kuntest tal-proposta

- Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Is-suq intern huwa magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment ħieles tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital.

L-għan tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li kienet approvata f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima¹, huwa li jiġu stabbilizzati l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera f'livell li jipprevjeni l-interferenza antropoġenika perikoluża fis-sistema tal-klima. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, iż-żieda globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż il-livelli pre-industrijali b'aktar minn 2°C. Ir-raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC juri li sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra għandhom jilħqu l-oġġettivi livelli tagħhom sas-sena 2020. Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007 impenja ruħu bis-siġġir li jnaqqas l-emissjonijiet ġenerali tal-gassijiet serra fil-Komunità b'mill-inqas 20% sas-sena 2020 meta mqabbla mal-emissjonijiet tal-1990 u bi 30% dejjem jekk ikun hemm pajjiżi żviluppati oħrajn li jimpenjaw ruħhom fit-tnaqqis tal-emissjonijiet komparabbli u sakemm il-pajjiżi li ekonomikament huma l-aktar avvanzati fost dawk li qegħdin jiżviluppaw jimpenjaw ruħhom li jikkontribwixxu b'mod adegwat skont il-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Il-Pakkett tal-Klima u l-Enerġija, li ntlaħaq qbil fuqu f'Diċembru tas-sena li għaddiet, ġabar dawn il-miri flimkien f'liġi. Id-Deċiżjoni 406/2009/KE tipprovdha għal tnaqqis medju ta' 10% meta mqabbel mal-livelli tal-2005 fis-setturi li mhumiex koperti mill-Iskema ta' Negozjar għall-Emissjonijiet tal-UE, inkluż it-trasport bit-triq. Waħda mill-implikazzjonijiet ta' dawn l-impenji hija li l-Istati Membri kollha se jrin ikollhom bżonn inaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq.

Il-vetturi kummerċjali hfiyf jintużaw primarjament min-negozji, inklużi intrapriżi żgħira u ta' daqs medju u bħalissa, il-vetturi kummerċjali hfiyf jammontaw għal madwar 12% tal-flotta tal-vetturi. Is-servizzi pprovduti mill-vetturi kummerċjali hfiyf huma indispensabbli sabiex jaqdu l-ħtiġijiet ta' kuljum tan-nies. It-trasport bit-triq huwa sors sinifikanti ta' impjieg u tkabbir f'ħafna reġjuni tal-UE. Madankollu, l-użu tal-vetturi jħalli wkoll impatti sinifikanti fuq it-tibdil fil-klima. Il-proporzjon tal-vetturi kummerċjali hfiyf fir-reġistrazzjonijiet kollha tal-flotta ta' vetturi għal użu ħafif (karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali hfiyf) żdied b'rata stabbli mill-1995 sal-2007. It-tnaqqis medju tal-emissjonijiet tas-CO₂ tul il-perjodu 2002-2007 għall-vetturi kummerċjali hfiyf kien jammonta għal 0.4-0.5% fis-sena, u dan it-titjib limitat ħafna fil-konsum effiċjenti tal-fjuwil kien ikkumpensat biż-żieda fid-domanda għat-trasport u d-daqs tal-vetturi. Filwaqt li l-UE b'mod ġenerali naqqset l-emissjonijiet tagħha tal-gassijiet serra (GHG) b'madwar 9% tul il-perjodu 1990-2007 u l-emissjonijiet komplew jonqsu fis-setturi mhux relatati mat-trasport, l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport żdiedu b'29%. Minkejja t-titjib sinifikanti fit-teknoloġija tal-vetturi b'mutur, b'mod partikolari fil-konsum effiċjenti tal-fjuwil, li jfisser ukoll emissjonijiet tas-CO₂ aktar baxxi, id-domanda għat-trasport u d-daqs tal-vetturi kompliet tiżdied u l-progress sar bil-mod wisq fid-dawl tal-għan ġenerali tal-Komunità li jkollna emissjonijiet medji ta' 120 g CO₂/km mill-karożżi l-ġodda tal-passiġġieri.

¹ ĠUL 33, 7.2.1994, p. 11.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jitnaqqsu gradwalment l-emissjonijiet medji tas-CO₂ mill-vetturi kummerċjali ħfief jitnaqqsu għal 175g CO₂/km mill-2014 sal-2016. Din il-proposta hija parti mill-approċċ integrat propost mill-Kummissjoni u tikkontribwixxi għall-produzzjoni ta' 10g CO₂/km li hija meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan tal-Komunità ta' 120 g CO₂/km, kif ġie stabbilit fil-Komunikazzjoni COM(2007) 19.

L-adozzjoni tal-miri tal-Komunità għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda hija neċessarja għall-prevenzjoni tal-frammentazzjoni fis-suq intern li tirriżulta mill-adozzjoni ta' miżuri differenti fil-livell tal-Istati Membri. Il-miri tal-Komunità jipprovdu lill-manifatturi b'aktar ċertezza fl-ippjanar u b'aktar flessibbiltà biex ikunu jistgħu jilhqnu r-rekwiżiti tat-tnaqqis tas-CO₂ milli kieku kien jġri permezz ta' miri nazzjonali u separati ta' tnaqqis.

Barra minn hekk, l-iffissar ta' standards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda huwa meħtieġ għall-prevenzjoni ta' riskju ta' vojt regolatorju li jirriżulta minn ċertu xogħol doppju li jsir bejn ir-reġistrazzjonijiet tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief. Bħalissa, ħafna vetturi li huma kklassifikati bħala karozzi tal-passiġġieri huma rreġistrati bħala vetturi kummerċjali ħfief, ħafna drabi biex igawdu mit-tassazzjoni mnaqsa jew minn inċentivi fiskali oħrajn. Għalkemm l-ambitu tal-leġiżlazzjoni dwar il-karozzi tal-passiġġieri (bħal din il-proposta) huwa marbut mat-tip ta' vettura bħala approvazzjoni tat-tip (irrispettivament minn kif tkun irreġistrata), in-nuqqas ta' regolazzjoni għal-LCVs jista' jgħod riskju sinifikanti ta' reazzjonijiet fis-suq għall-karozzi ikbar tal-passiġġieri bl-approvazzjoni tat-tip bħala vetturi kummerċjali ħfief. Dan ikun ifisser li dawn il-vetturi b'emissjonijiet għoljin jibqgħu barra mill-ambitu tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂.

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jinħolqu inċentivi għall-industrija tal-karozzi biex din tinvesti f'teknoloġiji ġodda. Ir-Regolament jippromwovi l-eko-innovazzjoni b'mod attiv u jqis l-iżviluppi teknoloġiċi tal-ġejjieni. B'dan il-mod, tittejjeb il-kompetittività tal-Industrija Ewropea u jinħolqu aktar impjiegi ta' kwalità għolja.

- Il-kuntest ġenerali

L-ewwel nett, fl-1995, il-Kummissjoni adottat Strateġija Komunitarja biex tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi. L-istrateġija kienet ibbażata fuq tliet pilastri: impenji volontarji mill-industrija tal-karozzi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-karozzi tal-passiġġieri, titjib fl-informazzjoni li tingħata lill-konsumaturi u l-promozzjoni ta' karozzi effiċjenti fil-konsum tal-fjuwil permezz ta' miżuri fiskali.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2000, il-Kunsill Ambjentali talab lill-Kummissjoni biex tistudja l-miżuri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra għall-vetturi kummerċjali ħfief. Fis-7 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni adottat żewġ Komunikazzjonijiet paralleli: Komunikazzjoni dwar ir-riżultati tar-reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi tal-passiġġieri u mill-vetturi kummerċjali ħfief u Komunikazzjoni dwar Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi għas-Seklu 21 – CARS 21 ("il-Komunikazzjonijiet"). Il-Komunikazzjonijiet enfasizzaw li mhux sejjer jintlaħaq l-għan tal-Komunità ta' emissjonijiet medji ta' 120g CO₂/km mill-flotta ta' karozzi ġodda sas-sena 2012 jekk ma jkunx hemm miżuri addizzjonali. Għalhekk, il-Komunikazzjonijiet ipproponew l-adozzjoni ta' approċċ integrat sabiex jintlaħaq l-għan tal-Komunità u ħabbru li l-Kummissjoni għandha tipproponi qafas leġiżlattiv sabiex jinkiseb l-għan tal-Komunità billi tiffoka fuq tnaqqis obbligatorju ta' emissjonijiet tas-CO₂ sabiex jintlaħaq l-għan ta' 130 g CO₂/km għall-flotta medja ta' karozzi ġodda bis-saħħa ta' titjib fit-

teknoloġija tal-vetturi b'mutur, u tnaqqis ieħor ta' 10 g CO₂/km, jew l-ekwivalenti tiegħu jekk ikun teknikament meħtieġ, permezz ta' titjib teknoloġiku ieħor. Dawn jinkludu progress fil-konsum effiċjenti tal-fjuwil fil-vetturi kummerċjali ħfief.

Il-Komunikazzjonijiet enfasizzaw li l-qafas leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-mira medja tal-flotta tal-vetturi għandu jassigura miri ta' tnaqqis li jkunu newtrali mil-lat ta' kompetizzjoni u soċjalment ġusti u sostenibbli, li jkunu ġusti għad-diversità tal-manifatturi tal-karozzi fl-Ewropa u li jkun evitat kwalunkwe tagħwiġ tal-kompetizzjoni mhux ġustifikat bejn il-manifatturi tal-karozzi. Il-qafas leġiżlattiv għandu jkun kompatibbli mal-miri ġenerali ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Komunità.

F'Mejju 2007, il-Kunsill tal-Kompetittività appoġġa "approċċ integrat kif propost mill-Kummissjoni, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vetturi b'mutur" li jenfasizza "li l-parteċipanti kollha għandhom jagħtu l-kontribut tagħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet li huma perikolużi għall-klima"².

Barra minn hekk, fit-28 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta dwar it-titjib fil-konsum effiċjenti tal-fjuwil għall-vetturi kummerċjali ħfief³.

- Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Id-Direttiva 2004/3/KE⁴ li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 70/156/KEE u 80/1268/KEE dwar il-kejl tal-emissjonijiet tas-CO₂ u konsum ta' karburanti minn vetturi N1

- Il-konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħrajn tal-Unjoni

Il-proposta hija konformi mat-tliet pilastri tal-Istrateġija ta' Liżbona, hekk kif rekwiżiti aktar stretti fuq l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum effiċjenti tal-fjuwil għandhom jhegħġu l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ambjentali ġodda, li min-naħa tagħhom, jistgħu jhegħġu esportazzjonijiet ta' teknoloġija b'valur miżjud għoli ta' teknoloġiji u vetturi fi swieq emerġenti fejn iż-żejt huwa skars u jistgħu jippromwovu impjiegi bi kwalifiki għoljin fl-Ewropa.

Il-proposta tikkontribwixxi wkoll għall-Istrateġija Mġedda għall-Iżvilupp Sostenibbli, li ġiet adottata mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2006, billi tikkontribwixxi għal mobilità aktar sostenibbli. Il-fatt li t-trasport isir aktar sostenibbli għandu jiffaċilita l-ilhug ta' miri oħrajn ta' żvilupp sostenibbli. Din ir-relazzjoni hija partikolarment b'saħħitha bejn it-trasport, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali u l-użu tal-enerġija.

L-għanijiet tal-proposta se jrin jikkontribwixxu wkoll biex tintlaħaq il-mira tal-Komunità ta' tnaqqis ta' mill-inqas 20% tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra sas-sena 2020 minħabba l-kontribut importanti tat-trasport għall-emissjonijiet minn setturi tal-ekonomija li mhumiex inklużi fl-Iskema ta' Negozjar għall-Emissjonijiet tal-UE. Il-proposta hija wkoll konsistenti ma' u kumplimentari għar-Regolament (KE) Nru 443/2009 li jistabbilixxi standards ta' emissjonijiet tas-CO₂ minn karozzi tal-passiġġieri.

² Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetittività li ġew adottati fil-21-22 ta' Mejju 2007 (9671/07).

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ambjentali li ġew adottati fit-28 ta' Ġunju 2007 (11483/07).

⁴ Id-Direttiva 2004/3/KE (*ĠU L 49, 19.2.2004, p. 36*).

Il-proposta se tiffissa miżura konkreta sabiex jintlaħqu l-miri u b'hekk tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-mexxejja tal-UE dwar it-tibdil fil-klima hekk kif qed toqrob il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti f'Kopenħagen f'Diċembru 2009.

1. IL-KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- Il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati

Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawh li jwieġbu

Il-proċess ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati kien jinkludi konsultazzjoni pubblika fuq l-internet u żewġ laqgħat mal-partijiet interessati.

- Bejn Mejju u Lulju 2007, saret konsultazzjoni pubblika fuq l-internet, li kienet immirata biex tiġbor l-opinjoni tal-partijiet interessati kollha u tal-membri tal-pubbliku dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija riveduta biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi għal użu ħafif. Din kienet tinkludi miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn vetturi kummerċjali ħfief. Il-maġġoranza tar-reazzjonijiet li tqajmu waqt il-konsultazzjoni huma disponibbli fuq:

http://ec.europa.eu/reducing_co2_emissions_from_cars/index_mt.htm

- Sabiex jikkomplimentaw il-konsultazzjoni li saret fuq l-internet, ġew organizzati żewġ laqgħat mal-partijiet interessati mill-Kummissjoni li saru fit-2 ta' Settembru 2008 u fid-9 ta' Marzu 2009. Dawn il-laqgħat taw lill-partijiet interessati li kienu kkonċernati direttament mil-leġislazzjoni li kien imiss (l-industrija tal-karozzi, il-fornituri, l-NGOs ambjentali, l-imsieħba soċjali u l-Istati Membri) l-oportunità li jippreżentaw il-pożizzjonijiet tagħhom. Is-sommarji taż-żewġ laqgħat huma meħmużin fl-Anness II u fl-Anness III tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta.

Barra minn hekk, sar studju estern li investiga l-approċċi regolatorji possibbli għat-tnaqqis tas-CO₂ minn vetturi għal użu ħafif, filwaqt li ġie żviluppat studju li jikkonsisti minn żewġ rapporti: *'Valutazzjoni tal-għażliet għal-leġislazzjoni dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi kummerċjali ħfief'*⁵ u *'Valutazzjoni fir-rigward tal-miri tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal perjodu twil ta' żmien għal vannijiet u karozzi tal-passiġġieri'*⁶. L-istudju kien jagħmel parti minn proġett bl-isem 'L-impatti tal-għażliet regolatorji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi, b'mod partikolari fuq il-manifatturi tal-karozzi' skont il-kuntratt ta' qafas ENV.C.5/FRA/2006/0071 (Talba għal servizz ENV C5/GK/ak/D(2007)17850). L-analiżi tal-għażliet ta' politika alternattiva hija bbażata fuq sejbiet li haġgu minn dan l-istudju.

Tqiesu l-kummenti li saru tamill-partijiet interessati meta ġew ivvalutati l-għażliet differenti possibbli biex jiġu rregolati l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi kummerċjali ħfief, b'mod partikolari fir-rigward tal-mod kif inhi mfassla l-leġislazzjoni, l-effetti mhux mixtieqa possibbli, l-implikazzjonijiet għall-kompetizzjoni fis-swieq tal-karozzi, il-kompetittività industrijali globali u l-eżitu ambjentali. Intuża għarfien espert estern biex ikunu vvalutati d-

⁵ Dan ir-rapport huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Europa mil-link li ġejja:
http://ec.europa.eu/environment/air/transport/co2/pdf/final_report_lcv_co2_250209.pdf

⁶ Dan ir-rapport huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Europa mil-link li ġejja:
<http://ec.europa.eu/environment/air/transport/co2/pdf/Report%20LT%20targets.pdf>

diversi għażliet disponibbli, inklużi aspetti mqajma matul il-proċess ta' konsultazzjoni (il-kuntrattur estern attenda s-seduti pubbliċi).

Is-sommarju tar-reazzjonijiet u ta' kif tqiesu

L-informazzjoni miġbura permezz tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati tqieset fil-kuntest tat-tfassil tal-iskema proposta. Id-dettalji ta' kif sar dan huma stabbiliti fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja din il-proposta.

- Il-ġbir u l-użu tat-tagħrif espert

Tagħrif espert/domains xjentifiċi kkonċernati

(1) Tagħrif espert ipprovdut mill-industrija tal-karozzi, inklużi manifatturi u (2) għarfien espert ta' mmudellar li pprovdewh il-konsulenti esterni

Il-metodoloġija użata

L-immudellar permezz ta' mudelli matematiċi formali u kalkolazzjonijiet ibbażati fuq dejta statistika

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

Awtoritajiet pubbliċi, assoċjazzjonijiet industrijali, organizzazzjonijiet kummerċjali, organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u konsulenti esterni

Sommarju tal-pariri rċevuti u użati

Il-pariri tal-konsulenti esterni ntużaw biex jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet tad-diversi għażliet ta' politika sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-proposta. Dawn l-għażliet u l-implikazzjonijiet tagħhom jinsabu fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta.

Mezzi użati biex il-pariri esperti jsiru disponibbli pubblikament

L-istudju mwettaq b'appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt, flimkien max-xogħol relatat li sar aktar kmieni, se jkun disponibbli fuq is-sit li ġejja:

http://ec.europa.eu/environment/co2/co2_studies.htm

- Il-valutazzjoni tal-impatt

Il-valutazzjoni tal-impatt investigat ħames għażliet ewlenin:

L-ewwel żewġ għażliet li tqiesu kienu li tiġi definita kurva lineari li tagħti l-valur tas-CO₂ li jrid jinkiseb minn vettura partikolari bħala funzjoni tal-"utilità" (massa) tagħha sabiex il-medja tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda (1) fl-2012 u (2) fl-2013-2015 jilhqqu l-mira ta' 175 g CO₂/km.

Iż-żewġ għażliet li jmiss kienu bbażati fuq l-istess mira (175 g CO₂/km) u snin (2012 u 2013-2015 rispettivament), iżda fuq il-bażi ta' kurva lineari li tiddefinixxi l-valur tas-CO₂ li jrid jinkiseb bħala funzjoni ta' "utilità" alternattiva, jiġifieri dik magħrufa bħala l-"pan area".

Il-ħames u l-aħħar għażla kienet li l-manifatturi jintalbu jilhqqu tnaqqis ta' perċentwal stabbilit li jkun jikkorrespondi għat-tnaqqis meħtieġ biex tinkiseb il-mira ta' 175 g CO₂/km fil-perjodu 2012-2015, meta mqabbla mas-sitwazzjoni tas-sena 2007.

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkunsidrat mekkaniżmi differenti ta' flessibilità, inkluż il-kalkolu tal-medja tal-flotta u t-tagħqid fost il-manifatturi (pooling), kif ukoll mekkaniżmu ta' konformità. Minbarra l-ħames għażliet ta' politika, ġew analizzati diversi livelli tal-mira fuq perjodu twil ta' żmien li jvarjaw minn 160 sa 125 g CO₂/km għas-sena 2020.

L-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali tqiesu fid-dettall. L-evalwazzjoni dettaljata tal-għażliet hija stipulata fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta, li ser tkun disponibbli fl-indirizz elettroniku li ġej:

http://ec.europa.eu/environment/co2/co2_home.htm

- Is-sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta hija segwitu tal-Istrateġija tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi għal użu ħafif u tikkumplimentar ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 (Regolament li jistabbilixxi standards tar-rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-

CO₂ minn vetturi ħfief). Hija mmirata biex tnaqqas l-impatt tal-vetturi għal użu ħafif fuq il-klima billi tassigura li l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fil-Komunità ma jaqbx il-mira ta' 175 g CO₂/km. Din il-mira għandha tibda tiġi adottata gradwalment mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem filwaqt li mill-2016 issir obbligatorja għall-flotta għdida ta' vetturi ħfief.

Id-data ta' meta jibda jintuża l-istandard tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi kummerċjali ħfief hija konsistenti mal-qafas ta' żmien tal-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi standards simili għal karożżi tal-passiġġieri mis-sena 2012. Dan jindika d-dħul fis-seħħ tal-istandard għal vetturi kummerċjali ħfief mill-2014. Minbarra l-inklużjoni tal-mira fuq perjodu twil ta' żmien ta' 95 g/km mis-sena 2020 fir-Regolament (KE) Nru 443/2009, din il-proposta tistabbilixxi mira ta' 135 g/km għal vetturi kummerċjali ħfief li għandha tibda tintlaħaq mis-sena 2020 u li tkun soġġetta għall-konferma tal-fattibbiltà tagħha abbażi tar-riżultati aġġornati tal-valutazzjoni tal-impatt.

L-aspetti prinċipali tal-proposta huma:

- Il-proposta sejra tapplika għal vetturi kummerċjali ħfief tal-kategorija N1, b'massa ta' referenza li ma taqbiżx l-2610 kg u l-vetturi li l-approvazzjoni tat-tip għalihom tiġi estiża skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007. Il-vetturi fil-kategorija N2 u M2 b'massa ta' referenza li tissodisfa l-kriterji msemmija hawn fuq se jiġu inklużi għall-fini ta' monitoraġġ u l-inklużjoni totali tagħhom fl-iskema se titqies waqt analiżi.
- Il-proposta tistabbilixxi miri għall-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda fil-Komunità bħala funzjoni tal-massa tagħhom. Il-miri se jn japplikaw għall-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ fi g/km għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda għal kull manifattur li jiġi rreġistrat fl-UE f'kull sena kalendarja. Il-manifatturi jistgħu jiffurmaw grupp bejniethom sabiex jilhqnu l-miri tagħhom. Fejn żewġ manifatturi jew aktar jiffurmaw grupp, il-grupp jiġi ttrattat daqs li kieku kien manifattur wiehded bil-għan li tiġi stabbilita l-konformità mal-miri.
- Il-proposta tinkludi inċentivi għall-kummerċjalizzazzjoni bikrija tal-vetturi kummerċjali ħfief fis-suq li għandhom livelli ta' emissjonijiet baxxi billi jingħataw lhom superkreditu fuq bażi temporanja.
- Il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet li jippromwovu l-eko-innovazzjonijiet (jiġifieri teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ li ma jinqabdux miċ-ċiklu tat-test li matulu jitkejlu l-emissjonijiet tas-CO₂). Skont din id-dispożizzjoni, jistgħu jitnaqqsu sa 7 g/km mill-medja tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ għal teknoloġiji innovattivi li jnaqqsu l-emissjonijiet, fuq il-bażi ta' dejta vverifikata b'mod indipendenti.
- L-Istati Membri se jn ikunu obbligati jiġbru dejta dwar il-vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fit-territorju tagħhom u li jirrapportaw din id-dejta lill-Kummissjoni bil-għan li tiġi evalwata l-konformità mal-miri.
- Jekk manifattur jonqos milli jilħaq il-mira tiegħu, huwa jkun mitlub iħallas primjum għall-emissjonijiet eċċessivi. Il-primjum jiġi kkalkolat billi jiġi mmultiplikat il-valur ta' g CO₂/km li bih il-manifattur ikun qabeż il-mira tiegħu bl-għadd ta' vetturi rreġistrati ġodda u mal-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi bħala funzjoni tas-sena u d-distanza li jridu jitpoġġew fil-mira.

- Il-proposta pprovdieth għal miri alternattivi fit-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-manifatturi li huma responsabbli għal inqas minn 22 000 vettura rreġistrata fl-UE kull sena kalendarja.
- Il-miri skont ir-Regolament jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-aqwa għarfien disponibbli bħalissa fir-rigward ta', b'mod partikolari, l-evoluzzjoni probabbli tal-flotta bejn issa u nofs is-sena 2014 fir-rigward taż-żieda awtonoma fil-massa'.

2. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- Il-bażi legali

L-Artikolu 175 tat-Trattat tal-KE huwa l-bażi legali xierqa għaliex l-għan prinċipali ta' din il-proposta huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent billi jitnaqqsu l-emissjonijiet medji tas-CO₂ mill-vetturi kummerċjali ħfief.

- Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin:

Minħabba l-ħtieġa li jkun evitat it-tfaċċar ta' ostakoli għas-suq uniku, in-natura trans-konfinali tat-tibdil fil-klima u l-varjazzjonijiet potenzjali fil-medji nazzjonali tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda, l-Istati Membri mhux sejrini ikunu jistgħu jimplimentaw miżuri nazzjonali b'mod li tkun tista' tintlaħaq il-medja tal-UE ta' 175 g CO₂/km.

L-azzjoni tal-Komunità tilħaq l-għanijiet tal-proposta aħjar għar-raġunijiet li ġejjin:

L-azzjoni armonizzata biex jitnaqqas l-impatt tat-tibdil fil-klima tal-vetturi kummerċjali ħfief tista' tinkiseb bl-aħjar mod billi tiġi adottata leġiżlazzjoni fil-livell tal-Komunità. L-adozzjoni tal-miri għall-emissjonijiet tas-CO₂ minn dawn il-vetturi fil-livell tal-Komunità tipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq intern u tagħti lill-manifatturi aktar flessibbiltà fl-implimentazzjoni tat-tnaqqis tas-CO₂ meħtieġ fil-flotta ta' vetturi għdida tagħhom fil-Komunità minflok ikollhom strateġiji nazzjonali speċifiċi ta' tnaqqis.

L-ambitu tal-proposta huwa limitat għad-definizzjoni tal-miri tal-manifatturi fir-rigward tal-ilħuq tal-emissjonijiet medji ta' 175 g CO₂/km tal-flotta ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda, mingħajr ma jiġu preskritti miżuri kumplementari (bħal inċentivi fiskali) li jistgħu jieħdu l-Istati Membri u li jistgħu jikkontribwixxu għall-għan ġenerali li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vetturi tat-triq.

Għaldaqstant, il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Hija ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu l-għanijiet li jiġi żgurat li s-suq intern jiffunzjona kif xieraq, waqt li fl-istess ħin tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni ambjentali.

Il-proposta hija proporzjonata għall-għan ġenerali tal-UE li tilħaq il-miri tal-UE fir-rigward tal-protokoll ta' Kjoto u tistabbilixxi miri ta' tnaqqis li jkunu newtrali mil-lat ta' kompetizzjoni u soċjalment ġusti u sostenibbli, li jkunu ġusti għad-diversità tal-manifatturi tal-karozzi fl-

Ewropa u li jkun evitat kwalunkwe tagħwiġ tal-kompetizzjoni mhux ġustifikata bejn il-manifatturi tal-karozzi.

Il-proposta tipprevedi l-implimentazzjoni ta' skema ta' monitoraġġ li hija simili ħafna għal dik li ġiet implimentata diġà mill-Istati Membri għall-karozzi tal-passiġġieri, u li wriet li kienet effiċjenti ħafna fis-segwitu tal-implimentazzjoni tal-istrateġija għas-CO₂ u l-karozzi.

- L-għażla ta' strument:

Strument propost: Regolament.

Mezzi oħrajn ma jkunux adegwati għar-raġunijiet li ġejjin:

Ir-Regolament huwa propost fuq il-bażi ta' analiżi bir-reqqa tal-għażliet disponibbli biex isir progress fit-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi medji tal-vetturi kummerċjali ħfief fl-UE. Dan it-tip ta' strument ġie adottat għall-karozzi tal-passiġġieri, u huwa xieraq li jintuża l-istess approċċ għall-vetturi kummerċjali ħfief bil-għan li jiġi pprovdut qafas leġislativ konsistenti li jimplimenta l-approċċ integrat.

L-użu ta' Regolament jitqies bħala l-istrument legali xieraq biex tiġi żgurata l-konformità, filwaqt li ma jitlobx li jkun hemm traspożizzjoni fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri. L-għan tal-Komunità japplika għall-Komunità kollha kemm hi. Għaldaqstant, jeħtieġ li jkun żgurat li jiġi applikat approċċ uniformi fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' approċċ armonizzat sabiex jkun evitat kwalunkwe tagħwiġ tal-kompetizzjoni li jista' jkollu impatt fuq is-suq intern.

- Implikazzjoni baġitarja

L-implimentazzjoni tar-Regolament propost sejra ssir flimkien ma' dik tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi tal-passiġġieri, hekk kif it-tnejn għandhom bosta karatteristiċi komuni bħal, pereżempju, il-monitoraġġ tar-rendiment tal-manifatturi fil-konfront tal-miri tagħhom għat-tnaqqis tas-CO₂ u, fejn ikun meħtieġ, l-amministrazzjoni tal-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi msemmija fil-leġislazzjoni. L-ispiża diġà prevista taħt il-programm LIFE+ hija meqjusa bħala waħda suffiċjenti, b'mod partikolari minħabba d-daqs limitat tas-suq għall-vetturi kummerċjali ħfief, meta mqabbel ma' dak għall-karozzi tal-passiġġieri. Għalhekk, din il-proposta l-ġdida għall-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi għal użu ħafif ma titlob ebda riżorsa finanzjarja addizzjonali.

- Revoka tal-leġislazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta mhijiex sejra twassal għar-revoka tal-leġislazzjoni eżistenti.

3. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

- Klawżola ta' analiżi/reviżjoni/terminazzjoni awtomatika

Il-proposta tinkludi klawżola ta' analiżi.

- Iż-Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk, għandu jiġi estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief (LCVs) ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi għal użu ħafif

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni⁸,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁹,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li kienet approvata f'isem il-Komunità Ewropea mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima¹⁰, tfittex li tistabbilizza l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet b'effett serra fl-atmosfera għal livell li jipprevjeni l-interferenza antropoġenika perikoluża fis-sistema tal-klima. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, iż-żieda globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż il-livelli pre-industrijali b'aktar minn 2°C. Ir-raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC juri li sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra għandhom jilħqu l-ogħla livelli tagħhom sas-sena 2020. Waqt il-laqgħa tiegħu tat-8-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew impenja ruħu bis-sħiħ li jnaqqas l-emissjonijiet ġenerali tal-gassijiet serra fil-Komunità b'mill-inqas 20% sas-sena 2020 meta mqabbla mal-emissjonijiet tal-1990 u bi 30% dejjem jekk ikun hemm pajjiżi żviluppatti oħrajn li jimpenjaw ruħhom fit-tnaqqis tal-emissjonijiet komparabbli u sakemm il-pajjiżi li ekonomikament huma l-aktar avvanzati fost dawk li qegħdin jiżviluppaw jimpenjaw ruħhom li jikkontribwixxu b'mod adegwat skont il-ħiliet rispettivi tagħhom.

⁷ ĠU C , , p. .

⁸ ĠU C , , p. .

⁹ ĠU C , , p. .

¹⁰ ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11.

- (2) Il-politiki u l-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-livell tal-Istati Membri u tal-Komunità fis-setturi kollha tal-ekonomija tal-Komunità, u mhux biss fis-setturi tal-industrija u l-enerġija, bil-għan li jiġi ġġenerat it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet. Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020¹¹ tipprovdi għal tnaqqis medju ta' 10% meta imqabbel mal-livelli tal-2005 fis-setturi li mhumiex koperti mill-Iskema ta' Negożjar għall-Emissjonijiet tal-UE, stabbilita mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE¹², inkluż it-trasport bit-triq. It-trasport bit-triq huwa t-tieni l-akbar settur b'emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Komunità u l-emissjonijiet tiegħu, inklużi daww minn vetturi kummerċjali h'fief, qegħdin ikomplu jiżdiedu. Jekk l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq ikomplu jiżdiedu, dawn se jrin jispiċċaw jgħarrqu b'mod sinifikanti l-isforzi magħmula minn setturi oħrajn biex jikkumbattu t-tibdil fil-klima.
- (3) Il-miri tal-Komunità għall-vetturi tat-triq ġodda jagħtu lill-manifatturi aktar ċertezza fl-ippjanar u aktar flessibilità biex ikunu jistgħu jilħqu r-rekwiżiti tat-tnaqqis tas-CO₂ milli kieku jkun ipprovdut minn miri nazzjonali u separati ta' tnaqqis. Fl-iffissar tal-istandards tar-rendiment tal-emissjonijiet, huwa importanti li jitqiesu l-implikazzjonijiet għas-swieq u għall-kompetittività tal-manifatturi, l-ispejjeż diretti u indiretti imposti fuq in-negożju u l-benefiċċji li jakkumulaw f'dak li għandu x'jaqsam mal-istimular tal-innovazzjoni u t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u tal-ispejjeż tal-fjuwil.
- (4) Fil-Komunikazzjonijiet tagħha tas-7 ta' Frar 2007 dwar ir-riżultati tar-reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali h'fief¹³ u dwar Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karożżi għas-Seklu 21 – CARS21¹⁴, il-Kummissjoni enfasizzat li l-għan tal-Komunità ta' emissjonijiet medji ta' 120 g CO₂/km għall-flotta ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri mhuwiex sejjer jintlaħaq sas-sena 2012 fin-nuqqas ta' miżuri addizzjonali.
- (5) F'dawk il-Komunikazzjonijiet, ġie propost approċċ integrat bil-għan li tintlaħaq il-mira tal-Komunità ta' emissjonijiet medji ta' 120 g CO₂/km minn karożżi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fil-Komunità sal-2012 billi jiffokaw fuq it-tnaqqis obbligatorju tal-emissjonijiet tas-CO₂ biex jintlaħaq l-għan ta' 130 g CO₂/km għall-karożżi ġodda medji permezz ta' titjib fit-teknoloġija tal-vetturi b'mutur u bi tnaqqis addizzjonali ta' 10 g CO₂/km, jew l-ekwivalenti jekk ikun teknikament meħtieġ, permezz ta' titjib teknoloġiku ieħor, inkluż progress fil-konsum effiċjenti tal-fjuwil għall-vetturi kummerċjali h'fief.
- (6) Id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-għan li jikkonċerna emissjonijiet minn vetturi kummerċjali h'fief għandhom ikunu konsistenti mal-qafas leġislattiv għall-implimentazzjoni tal-għanijiet li jikkonċernaw emissjonijiet mill-flotta ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament

¹¹ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

¹² ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136.

¹³ COM(2007) 19.

¹⁴ COM(2007) 22.

Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards tar-rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief.

- (7) Il-qafas leġiżlattiv sabiex tintlaħaq il-mira ta' emissjonijiet medji tal-flotta għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda għandu jiżgura li l-miri ta' tnaqqis li jkunu newtrali mil-lat ta' kompetizzjoni u soċjalment ġusti u sostenibbli, li jkunu ġusti għad-diversità tal-manifatturi tal-karożżi fl-Ewropa u li jkun evitat kwalunkwe tagħwiġ tal-kompetizzjoni mhux ġustifikata bejn il-manifatturi tal-karożżi. Il-qafas leġiżlattiv għandu jkun kompatibbli mal-għan ġenerali li jintlaħqu l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Komunità u għandu jkun ikkumplementat minn strumenti oħrajn aktar relatati mal-użu, bħal taxxi differenti tal-karożżi u l-enerġija jew miżuri li jillimitaw il-veloċità tal-vetturi kummerċjali ħfief.
- (8) Sabiex tinżamm id-diversità tas-suq tal-vetturi kummerċjali ħfief u l-abbiltà tiegħu li jindirizza l-ħtiġijiet differenti tal-konsumaturi, il-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi kummerċjali ħfief għandhom jiġu definiti bħala funzjoni tal-utilità tal-vettura fuq bażi lineari. Il-massa hija parametru xieraq għad-deskrizzjoni ta' din l-utilità minħabba li tipprovdi korrelazzjoni mal-emissjonijiet preżenti u għalhekk tirriżulta f'miri aktar realistiċi u newtrali mil-lat ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, id-dejta dwar il-massa hija disponibbli fil-pront. Għandha tinġabar id-dejta dwar il-parametri tal-utilità alternattiva tad-"daqs tal-pass" (il-wisa' bejn rota u oħra (track width) mmultiplikat bit-tul bejn rota u oħra (wheelbase)) u dwar it-tagħbija li tinġarr sabiex jiġu ffaċilitati l-evalwazzjonijiet fuq perjodu itwal ta' żmien tal-approċċ ibbażat fuq l-utilità.
- (9) Dan ir-Regolament jippromwovi b'mod attiv l-eko-innovazzjoni u jqis l-iżviluppi teknoloġiċi tal-ġejjieni, li jistgħu itejbu l-kompetittività tal-industrija tal-karożżi Ewropea fuq perjodu twil ta' żmien u jgħolqu aktar impjiegi ta' kwalità għolja. Bħala mezz biex jiġi vvalutat b'mod sistematiku t-titjib tal-emissjonijiet tal-eko-innovazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis il-possibbiltà li tinkludi miżuri ta' eko-innovazzjoni fl-analiżi tal-proċeduri tat-test skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, billi tqis l-impatti tekniċi u ekonomiċi ta' tali inklużjoni.
- (10) B'għarfien għall-ispejjeż għoljin ħafna tar-riċerka u l-iżvilupp u tal-produzzjoni tal-unità tal-ġenerazzjonijiet bikrija ta' vetturi li għandhom integrati fihom teknoloġiji li għandhom livell baxx ta' emissjonijiet li għandhom jiġu introdotti fis-suq wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-miżuri jaraw li jħaffu u jiffaċilitaw, fuq bażi temporanja, il-proċess biex jiġu introdotti fis-suq Komunitarju vetturi li għandhom livelli ferm baxxi fl-istadji inizjali tal-kummerċjalizzazzjoni.
- (11) Sabiex tiġi pprovduta konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 443/2009 u jiġu evitati l-abbużi, il-mira għandha tiġi applikata għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda li jiġu rreġistrati fil-Komunità għall-ewwel darba u li ma jkunux ġew irreġistrati qabel barra mill-Komunità għajr għal perjodu limitat.
- (12) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u

l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi¹⁵ tistabbilixxi qafas armonizzat li jinkludi d-dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi ġodda kollha fl-ambitu tiegħu. L-entità responsabbli għall-konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun l-istess bħall-entità responsabbli għall-aspetti kollha tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip skont dik id-Direttiva u sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni.

- (13) Il-manifatturi għandu jkollhom il-flessibbiltà biex jiddeċiedu kif jistgħu jilhqqu l-miri tagħhom skont dan ir-Regolament u għandu jkollhom iċ-ċans li jikkalkolaw il-medja tal-emissjonijiet tal-flotta ta' vetturi ġodda tagħhom iktar milli jkollhom jirrispettaw il-miri tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal kull vettura individwali. Għalhekk, il-manifatturi għandhom jintalbu jiżguraw li l-emissjoni speċifika medja għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha li jiġu rreġistrati fil-Komunità, li jimmanifatturaw, ma taqbiżx il-medja tal-miri tal-emissjonijiet għal daww il-vetturi. Dan ir-rekwiżit għandu jiddaħħal gradwalment bejn l-2014 u l-2016 sabiex jiffaċilita l-introduzzjoni tiegħu. Dan huwa konsistenti maż-żmien li ngħata fir-Regolament Nru 443/2009 sabiex dan il-fenomena jiġi implimentat u jiddaħħal gradwalment.
- (14) Sabiex jiġi żgurat li l-miri jirriflettu l-karatteristiċi tal-manifatturi żgħar u speċjalizzati u li huma konsistenti mal-potenzjal ta' tnaqqis tal-manifattur, għandhom jiġu stabbiliti miri ta' tnaqqis ta' emissjonijiet alternattivi li jqisu l-potenzjal teknoloġiku tal-vetturi ta' manifattur partikolari biex jitnaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi tagħhom tas-CO₂ u b'mod konsistenti mal-karatteristiċi tas-setturi ikkonċernati tas-suq. Din id-deroga għandha tkun koperta mill-analiżi tal-miri speċifiċi tal-emissjonijiet fl-Anness I, li għandha titlesta sa mhux aktar tard mill-bidu tal-2013.
- (15) L-Istrateġija tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi tal-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali ħfief stabbiliet approċċ integrat bil-għan li tintlaħaq il-mira tal-Komunità ta' 120 g CO₂/km sas-sena 2012, filwaqt li ppreżentat ukoll viżjoni fuq perjodu itwal ta' żmien ta' tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet. Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 jissostanzja din l-opinjoni fuq perjodu itwal ta' żmien billi jistabbilixxi mira ta' 95 g CO₂/km bħala emissjonijiet medji għall-flotta ta' karozzi ġodda. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' dak l-approċċ u biex tingħata ċertezza fl-ippjanar għall-industrija, għandha tiġi stabbilita mira fit-tul għall-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ minn vetturi kummerċjali ħfief fl-2020.
- (16) Sabiex il-manifatturi tingħatalhom flessibbiltà biex ikunu jistgħu jilhqqu l-miri tal-emissjonijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, il-manifatturi jistgħu jaqblu li jiffurmaw grupp fuq bażi miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja. Meta jiġi ffurmat grupp, il-miri tal-manifatturi individwali għandhom jiġu ssostitwiti b'mira konġunta għall-grupp, li għandha tinkiseb b'mod kollettiv mill-membri tal-grupp.
- (17) Hemm bżonn ta' mekkaniżmu b'saħħtu ta' konformità sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri skont dan ir-Regolament.
- (18) L-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda jitkejlu fuq bażi armonizzata fil-Komunità skont il-metodoloġija stipulata fir-

¹⁵ ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi¹⁶. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-iskema, il-konformità għandha titkejjel permezz ta' referenza għad-dejta dwar ir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi ġodda fil-Komunità miġbura mill-Istati Membri u rrapportata lill-Kummissjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tad-dejta użata biex tiġi vvalutata l-konformità, ir-regoli għall-ġbir u r-rappurtaġġ ta' din id-dejta għandhom jiġu armonizzati kemm jista' jkun.

- (19) Id-Direttiva 2007/46/KE tirrikjedi li l-manifatturi joħorġu ċertifikat ta' konformità għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida u li l-Istati Membri jippermettu r-reġistrazzjoni u d-dħul fis-servizz ta' vettura kummerċjali ħafifa ġdida biss jekk din tkun akkumpanjata minn ċertifikat validu ta' konformità. Id-dejta miġbura mill-Istati Membri għandha tkun konsistenti maċ-ċertifikat ta' konformità maħruġ mill-manifattur tal-vettura kummerċjali ħafifa u għandha tkun ibbażata fuq dan id-dokument biss. Għandu jkun hemm database standard tal-Komunità għal dejta dwar iċ-ċertifikat ta' konformità. Din għandha tintuża bħala referenza waħdanija biex l-Istati Membri jkun jistgħu jamministraw id-dejta tar-reġistrazzjoni tagħhom b'mod aktar faċli meta l-vetturi jkun għadhom kif ġew irreġistrati mill-ġdid.
- (20) Il-konformità tal-manifatturi mal-miri skont dan ir-Regolament għandha tiġi vvalutata fil-livell tal-Komunità. Il-manifatturi, li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tagħhom jaqbżu daww l-emissjonijiet permessi skont dan ir-Regolament, għandhom iħallu primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fir-rigward ta' kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2014. Il-primjum għandu jiġi mmodulat bħala funzjoni tal-firxa safejn il-manifatturi jonqsu milli jkun konformi mal-mira tagħhom. Sabiex ikun żgurat li hemm il-konsistenza, il-mekkaniżmu tal-primjum għandu jkun simili għal dak stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 443/2009. L-ammonti tal-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi għandhom jitqiesu bħala dħul fil-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
- (21) Kwalunkwe miżura nazzjonali li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu skont l-Artikolu 176 tat-Trattat m'għandhiex, b'kunsiderazzjoni tal-għan ta' u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, timponi pieni addizzjonali jew aktar stretti fuq il-manifatturi li jonqsu milli jilhqgħu l-miri tagħhom skont dan ir-Regolament.
- (22) Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni sħiħa tar-regoli ta' kompetizzjoni tal-Komunità.
- (23) Għandhom jiġu kkunsidrati modalitajiet ġodda biex tintlaħaq il-mira fuq perjodu twil ta' żmien, b'mod partikolari l-pendil tal-kurva, il-parametru tal-utilità u l-iskema tal-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi.
- (24) Il-veloċità tal-vetturi tat-triq għandha influwenza qawwija fuq il-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-CO₂ tagħhom. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' limitazzjoni tal-veloċità li hija applikabbli għal vetturi kummerċjali ħfief, huwa possibbli li jkun hemm element ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-ogħla veloċità li tista' twassal sabiex ikun hemm powertrains ta' daqs eċċessiv fil-vetturi u ineffiċjenzi assoċjati

¹⁶ ĠUL 171, 29.6.2007, p. 1.

f'kundizzjonijiet li joperaw aktar bil-mod. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi investigata l-fattibbiltà tal-estensjoni tal-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità, bil-għan li jiġu inklużi vetturi kummerċjali ħfief koperti f'dan ir-Regolament.

- (25) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni¹⁷.
- (26) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tiġi awtorizzata biex temenda r-rekwiżiti tal-monitoraġġ u r-rappurtaġġ fid-dawl tal-esperjenza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu stabbiliti metodi għall-ġbir tal-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi, sabiex jiġu adottati dispożizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw id-deroga għal ċerti manifatturi, u l-addattament tal-Anness I biex jikkunsidra l-evoluzzjoni tal-massa tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fil-Komunità u biex jirrifletti kwalunkwe bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ stipulata fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 Minħabba li daww il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfasslin biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament u biex jissupplimentaw dan ir-Regolament permezz taż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju pprovdut fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (27) Minħabba li l-għan tal-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment, u jista' għalhekk, minħabba d-daqs u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1 **Suġġett u għanijiet**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tar-rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-emissjonijiet medji tas-CO₂ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda għal 175 g CO₂/km, permezz ta' titjib fit-teknoloġija tal-vetturi, imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-miżuri implimentattivi tiegħu, u t-teknoloġiji innovattivi.
2. Mis-sena 2020, dan ir-Regolament jistabbilixxi mira ta' 135 g CO₂/km għall-emissjonijiet medji ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fil-Komunità.

¹⁷ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

Artikolu 2 **Ambitu**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal vetturi b'mutur tal-kategoriji N1 kif definit fl-Anness II għad-Direttiva 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma jaqbiżx l-2 610 kg u għal vetturi li l-approvazzjoni tat-tip għalihom hija estiża skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 ('vetturi kummerċjali ħfief') li huma rreġistrati fil-Komunità għall-ewwel darba u li ma ġewx irreġistrati qabel barra l-Komunità ('vetturi kummerċjali ħfief ġodda').
2. M'għandhiex tiġi kkunsidrata reġistrazzjoni preċedenti barra l-Komunità li tkun saret inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fil-Komunità.
3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal vetturi bi skop speċjali kif definit fil-punt 5 tal-Anness II għad-Direttiva 2007/46/KE.

Artikolu 3 **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) 'emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂' tfisser, fir-rigward ta' manifattur, il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tal-vetturi kummerċjali ħfief kollha, prodotti minn dak il-manifattur;
- (b) 'ċertifikat ta' konformità' tfisser iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2007/46/KE¹⁸;
- (c) 'vettura kompletata' tfisser vettura li tkun ingħatathilha l-approvazzjoni tat-tip wara li dan il-proċess jitwettagħ f'aktar minn fażi waħda skont id-Direttiva 2007/46/KE;
- (d) 'manifattur' tfisser il-persuna jew il-korp responsabbli lejn l-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE skont id-Direttiva 2007/46/KE u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni;
- (e) 'massa' tfisser il-massa tal-vettura fi stat tajjeb ta' tħaddim kif stabbilit fiċ-ċertifikat ta' konformità u kif iddikjarat fis-sezzjoni 2.6 tal-Anness I għad-Direttiva 2007/46/KE;
- (f) 'emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂' tfisser l-emissjonijiet minn vettura kummerċjali ħafifa mkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u speċifikati bħala l-massa tal-emissjonijiet tas-CO₂ (ikkombinati) fiċ-ċertifikat ta' konformità;

¹⁸ ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

- (g) 'mira ta' emissjonijiet speċifiċi' tfisser, fir-rigward ta' manifattur, il-medja ta' emissjonijiet speċifiċi indikattivi tas-CO₂ stabbiliti skont l-Anness I fir-rigward ta' kull vettura kummerċjali haġifa ġdida prodotta minn dak il-manifattur;
4. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, "grupp ta' manifatturi relatati" tfisser manifattur u l-impriżi relatati miegħu. Fir-rigward ta' manifattur, 'impriżi relatati' tfisser:
- (a) impriżi li fihom il-manifattur ikollu, direttament jew indirettament:
 - (i) is-setgħa li jeżerċita aktar minn nofs id-drittijiet tal-vot; jew
 - (ii) is-setgħa li jaħtar aktar minn nofs il-membri tal-bord superviżorju, tal-bord ta' ġestjoni jew tal-korpi li jirrappreżentaw lill-impriża ġuridikament; jew
 - (iii) id-dritt ta' ġestjoni tal-affarijiet tal-impriża;
 - (b) impriżi li direttament jew indirettament ikollhom id-drittijiet jew setgħat elenkati fil-punt (a) fuq il-manifattur;
 - (c) impriżi li fihom, impriża msemija fil-punt (b) ikollha, direttament jew indirettament, id-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (a);
 - (d) impriżi li fihom, il-manifattur flimkien ma' impriża waħda jew aktar imsemmija fil-punti (a), (b) jew (c), jew li fihom tnejn jew aktar mill-impriżi tal-aħħar, flimkien ikollhom id-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (a);
 - (e) impriżi li fihom, id-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (a) huma miżmumin flimkien mill-manifattur jew minn waħda jew aktar mill-impriżi relatati miegħu msemija fil-punti (a) sa (d) u parti terza waħda jew aktar.

Artikolu 4

Miri speċifiċi ta' emissjonijiet

Għas-sena kalendarja li tibda fl-1 ta' Jannar 2014 u għal kull sena kalendarja sussegwenti, kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief għandu jiżgura li l-emissjonijiet speċifiċi medji tiegħu tas-CO₂ ma jaqbżux il-mira tiegħu ta' emissjonijiet speċifiċi stabbiliti skont l-Anness I jew fil-każ li manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 10, skont dik id-deroga.

Sabiex jiġu stabbiliti l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ ta' kull manifattur, għandhom jitqiesu l-perċentwali li ġejjin abbinati mal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' kull manifattur irreġistrati fis-snin rilevanti:

- 75% fl-2014,
- 80% fl-2015,
- 100% mill-2016 'il quddiem.

Artikolu 5 **Superkredit**

Meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet medji speċifiċi tas-CO₂, kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida li jkollha livell ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ inqas minn 50 g CO₂ għandha titqies bħala:

- 2.5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2014,
- 1.5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2015,
- 1 vettura kummerċjali ħafifa fl-2016,

Artikolu 6 **Għaqdiet**

1. Il-manifatturi tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, minbarra dawk il-manifatturi li ngħataw deroga skont l-Artikolu 10, jistgħu jiffurmaw għaqda bil-għan li jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 4.
2. Ftehim dwar l-iffurmar ta' għaqda jista' jirrigwarda sena kalendarja waħda jew aktar, dejjem jekk, il-perjodu kumplessiv ta' kull ftehim ma jaqbiżx il-ħames snin kalendarji u għandu jibda nhar jew qabel il-31 ta' Diċembru tal-ewwel sena kalendarja li fiha jkunu se jingħaqdu l-emissjonijiet. Il-manifatturi li jiffurmaw għaqda għandhom jirreġistraw l-informazzjoni li ġejja għand il-Kummissjoni:
 - (a) il-manifatturi li se jkunu inklużi f'din l-għaqda;
 - (b) il-manifattur li ġie nnominat bħala l-maniġer tal-għaqda li jrid ikun il-punt ta' kuntatt għall-għaqda, filwaqt li jkun responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe primjum għall-emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq l-għaqda skont l-Artikolu 8; u
 - (c) prova li l-maniġer tal-għaqda jkun kapaċi jissodisfa l-obbligi tiegħu skont il-punt (b).
3. Meta l-maniġer propost tal-għaqda jonqos milli jissodisfa r-rekwiżit li jħallas kwalunkwe primjum għall-emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq l-għaqda skont l-Artikolu 8, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-manifatturi.
4. Il-manifatturi inklużi f'għaqda għandhom jinfurmaw flimkien lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla li ssir tal-maniġer tal-għaqda jew tal-istatus finanzjarju tagħha sal-punt li dan jaffettwa l-kapaċità tagħha li tissodisfa r-rekwiżit li tħallas kwalunkwe primjum għall-emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq l-għaqda skont l-Artikolu 8 u bi kwalunkwe tibdil tal-membri tal-għaqda jew ix-xoljiment tal-għaqda.
5. Il-manifatturi jistgħu jidħlu għal arranġamenti ta' għaqda bil-kundizzjoni li l-ftehimiet tagħhom ikunu f'konformità mal-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat u li jippermettu l-parteċipazzjoni miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja f'termini kummerċjalment raġonevoli minn kwalunkwe manifattur li jitlob li jsir membru tal-għaqda. Mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà ġenerali tar-regoli tal-

kompetizzjoni tal-Komunità għal għaqdiet bħal dawn, il-membri kollha ta' għaqda għandhom jiżguraw b'mod partikolari li l-ebda skambju ta' dejta u lanqas ta' informazzjoni ma jista' jsir fil-kuntest tal-arranġament tal-għaqda tagħhom, għajr fir-rigward tal-informazzjoni li ġejja:

- (d) l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂;
 - (e) il-mira speċifika tal-emissjonijiet;
 - (f) l-għadd totali ta' vetturi rreġistrati.
6. Il-paragrafu 5 m'għandux japplika meta l-manifatturi kollha inklużi fl-għaqda jkunu jagħmlu parti mill-istess grupp ta' manifatturi relatati.
7. Ħlief fejn tingħata notifika skont il-paragrafu 3, il-manifatturi f'għaqda li għaliha tiġi rreġistrata l-informazzjoni mal-Kummissjoni għandhom jitqiesu bħallikieku huma manifattur wiehied bil-għan li jiġu ssodisfati l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 4. L-informazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ fir-rigward ta' manifatturi individwali kif ukoll kwalunkwe għaqdiet sejra tiġi rreġistrata, irrappurtata u disponibbli fir-reġistru ċentrali msemmi fl-Artikolu 7(4).

Artikolu 7

Monitoraġġ u rappurtaġġ tal-emissjonijiet medji

1. Għas-sena kalendarja li tibda mill-1 ta' Jannar 2012 u kull sena kalendarja sussegwenti, kull Stat Membru għandu jirreġistra informazzjoni għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida li tiġi rreġistrata fit-territorju tiegħu skont il-Parti A tal-Anness II. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli lill-manifatturi u lill-importaturi jew rappreżentanti maħtura tagħhom f'kull Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-korpi tar-rappurtaġġ joperaw b'mod trasparenti.
2. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, li tibda fl-2013, kull Stat Membru għandu jiddetermina u jibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni elenkata fil-Parti B tal-Anness II fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti. Id-dejta għandha tintbagħat skont il-format speċifikat fil-Parti Ċ tal-Anness II.
3. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu wkoll is-sett sħiħ ta' dejta miġbura skont il-paragrafu 1.
4. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru ċentrali tad-dejta rrappurtata mill-Istati Membri skont dan l-Artikolu u dan ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku. Sat-30 ta' Ġunju 2013 u kull sena sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tikkalkula għal kull manifattur fuq bażi provviżorja:
- (a) l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ fis-sena kalendarja preċedenti;
 - (b) il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja preċedenti; u
 - (c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira speċifika tal-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lil kull manifattur bil-kalkolu provviżorju għal dak il-manifattur. In-notifika għandha tinkludi dejta għal kull Stat Membru dwar l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati u l-emissjonijiet speċifiċi tagħhom tas-CO₂.

5. Il-manifatturi jistgħu, fi żmien tliet xhur minn meta jiġu nnotifikati dwar il-kalkolu provviżorju skont il-paragrafu 4, jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żball fid-dejta, fejn jispeċifikaw l-Istat Membru li fih iqisu li jkun seħħ l-iżball.
6. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe notifika mill-manifatturi u għandha, sal-31 ta' Ottubru, tikkonferma jew inkella temenda l-kalkoli provviżorji skont il-paragrafu 4.
7. Fir-rigward tas-sena kalendarja 2012 u 2013 u fuq il-bażi tal-kalkoli mwettqa skont il-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tinnotifika manifattur meta l-Kummissjoni jidhrilha li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tal-manifattur ikunu qabżu l-mira speċifika tal-emissjonijiet tagħha.
8. F'kull Stat Membru, l-awtorità kompetenti għall-ġbir u l-komunikazzjoni tad-dejta dwar il-monitoraġġ skont dan ir-Regolament, għandha tkun dik maħtura skont l-Artikolu 8(7) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.
9. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtaġġ ta' dejta skont dan l-Artikolu u dwar l-applikazzjoni tal-Anness II skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 13(2).

Il-Kummissjoni tista' temenda l-Anness II fid-dawl tal-esperjenza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 13(3).

10. L-Istati Membri għandhom jiġbru kif ukoll jirrappurtaw dejta, skont dan l-Artikolu, dwar ir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi fil-kategoriji M2 u N2 kif imfisser fl-Anness II għad-Direttiva Nru 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma taqbiżx il-2 610 kg u għal vetturi li l-approvazzjoni tat-tip għalihom tiġi estiża skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

Artikolu 8

Primjum għall-Emissjonijiet eċċessivi

1. Fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 u kull sena kalendarja sussegwenti, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fuq manifattur jew manixer ta' għaqda, skont kif ikun xieraq, fejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ ta' manifattur jaqbżu l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi tagħha.
2. Il-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi skont il-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat bil-formula li ġejja:

(a) Mill-2014 sal-2018

(i) Għal emissjonijiet eċċessivi ta' aktar minn 3 g CO₂/km:

$((\text{Emissjonijiet eċċessivi} - 3) \times \text{EUR } 120 + \text{EUR } 45) \times \text{l-għadd ta' vetturi kummerċjali hfiyf ġodda.}$

(ii) Għal emissjonijiet eċċessivi ta' aktar minn 2 g CO₂/km iżda mhux aktar minn 3 g CO₂/km:

$((\text{Emissjonijiet eċċessivi} - 2) \times \text{EUR } 25 + \text{EUR } 20) \times \text{l-għadd ta' vetturi kummerċjali hfiyf ġodda.}$

(iii) Għal emissjonijiet eċċessivi ta' aktar minn 1 iżda mhux aktar minn 2 g CO₂/km:

$((\text{Emissjonijiet eċċessivi} - 1) \times \text{EUR } 15 + \text{EUR } 5) \times \text{l-għadd ta' vetturi kummerċjali hfiyf ġodda.}$

(iv) Għal emissjonijiet eċċessivi ta' mhux aktar minn 1 g CO₂/km:

$\text{Emissjonijiet eċċessivi} \times \text{EUR } 5 \times \text{l-għadd ta' vetturi kummerċjali hfiyf ġodda.}$

(b) Mill-2019:

$(\text{Emissjonijiet eċċessivi} \times \text{EUR } 120) \times \text{l-għadd ta' vetturi kummerċjali hfiyf ġodda.}$

Fejn għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

‘emissjonijiet eċċessivi’ tfisser il-valur pożittiv ta' grammi kull kilometru li bih l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tal-manifattur – b'kunsiderazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ minħabba teknoloġiji innovattivi approvati skont l-Artikolu 11 - ikunu qabżu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja jew f'parti mis-sena kalendarja li għaliha japplika l-obbligu skont l-Artikolu 4, aġġustat għall-eqreb tliet punti deċimali; u

‘għadd ta' vetturi kummerċjali hfiyf ġodda’ tfisser l-għadd ta' vetturi kummerċjali hfiyf ġodda li huma prodotti mill-manifattur u li ġew irreġistrati f'dak il-perjodu skont il-kriterji li għandhom jiddaħħlu gradwalment kif inhi stipulat fl-Artikolu 4.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi metodi għall-ġbir tal-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi fil-kuntest tal-paragrafu 1.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 13(3).

4. L-ammonti tal-primjum fuq l-emissjonijiet eċċessivi għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 9

Il-pubblikazzjoni tar-rendiment tal-manifatturi

1. Sal-31 ta' Ottubru 2013 u l-31 ta' Ottubru ta' kull sena sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tippubblika lista fejn tindika għal kull manifattur:
 - (a) il-mira speċifika tagħha tal-emissjonijiet għas-sena kalendarja preċedenti;
 - (b) l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ fis-sena kalendarja preċedenti;
 - (c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira speċifika tal-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena;
 - (d) l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha fil-Komunità fis-sena kalendarja preċedenti, u
 - (e) il-massa medja għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha fil-Komunità fis-sena kalendarja preċedenti.
2. Mill-31 ta' Ottubru 2014, il-lista ppubblikata skont il-paragrafu 1 għandha tindika wkoll jekk il-manifattur ikunx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti.

Artikolu 10

Derogi għal ċerti manifatturi

1. Applikazzjoni għal deroga mill-mira ta' emissjonijiet speċifiċi kkalkulata skont l-Anness I tista' ssir minn manifattur ta' inqas minn 22 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fil-Komunità għal kull sena kalendarja u:
 - (a) ma jagħmilx parti minn grupp ta' manifatturi relatati; jew
 - (b) jagħmel parti minn grupp ta' manifatturi relatati li b'kollox huwa responsabbli għal inqas minn 22 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fil-Komunità għal kull sena kalendarja; jew
 - (c) jagħmel parti minn grupp ta' manifatturi relatati iżda jħaddem il-faċilitajiet ta' produzzjoni u ċ-ċentru ta' disinn tiegħu stess.
2. Applikazzjoni għal deroga taħt il-paragrafu 1 tista' tingħata għal perjodu massimu ta' ħames snin kalendarji. Għandha ssir applikazzjoni lill-Kummissjoni u din għandha tinkludi:
 - (a) l-isem ta', u l-persuna ta' kuntatt għall-manifattur;
 - (b) provi li l-manifattur huwa eliġibbli għal deroga skont il-paragrafu 1;
 - (c) dettalji tal-vetturi kummerċjali ħfief li huwa jimmanifattura, fosthom il-massa u l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ ta' daww il-vetturi kummerċjali ħfief; u
 - (d) mira speċifika tal-emissjonijiet konsistenti mal-potenzjal tat-tnaqqis tiegħu, inkluż il-potenzjal teknoloġiku u ekonomiku biex jitnaqqsu l-emissjonijiet

speċifiċi tas-CO₂ u billi jikkunsidraw il-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta' vettura kummerċjali ħafifa mmanifatturata.

3. Meta l-Kummissjoni tqis li l-manifattur ikun eliġibbli għal deroga applikata skont il-paragrafu 1 u tkun sodisfatta li l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi proposta mill-manifattur hija konsistenti mal-potenzjal għat-tnaqqis tiegħu, inkluż il-potenzjal teknoloġiku u ekonomiku għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tiegħu, u billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta' vetturi kummerċjali ħfief immanifatturati, il-Kummissjoni għandha tagħti deroga lill-manifattur. Id-deroga għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar tas-sena wara d-data tal-għoti tad-deroga.
4. Manifattur li huwa soġġett għal deroga skont dan l-Artikolu għandu jinnotifika lill-Kummissjoni immedjatament bi kwalunkwe tibdil li jaffettwa jew li jista' jaffettwa l-eliġibbiltà tiegħu għal deroga.
5. Jekk, fuq il-bażi ta' notifika skont il-paragrafu 4 jew mod ieħor, il-Kummissjoni tqis li manifattur ma jkunx għadu eliġibbli għad-deroga, għandha tirrevoka d-deroga b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja ta' wara u għandha tinnotifika lill-manifattur.
6. Meta l-manifattur ma jilħaqx il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu, il-Kummissjoni għandha timponi l-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fuq il-manifattur, kif stabbilit fl-Artikolu 8.
7. Il-Kummissjoni tista' tadotta dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi (1) sa (6), inkluża l-interpretazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għad-derogi, il-kontenut tal-applikazzjonijiet u dwar il-kontenut u l-valutazzjoni tal-programmi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 13(3).

8. L-applikazzjonijiet għal deroga, inkluż l-informazzjoni li tappoġġja, in-notifiki skont il-paragrafu 4, ir-revoki skont il-paragrafu 5 u kwalunkwe impożizzjoni ta' primjum għall-emissjonijiet eċċessivi skont il-paragrafu 6 u l-miżuri adottati skont il-paragrafu 7, għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tat-30 ta' Mejju 2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

Artikolu 11 **Eko-innovazzjoni**

1. Fuq applikazzjoni minn fornitur jew manifattur, għandu jiġi kkunsidrat l-iffrankar ta' CO₂ miksub permezz tal-użu ta' teknoloġiji innovattivi. Il-kontribut totali ta' dawk it-teknoloġiji biex titnaqqas il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur jista' jkun sa 7 g CO₂/km.
2. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2012, tadotta dispożizzjonijiet dettaljati għal proċedura sabiex jiġu approvati dawn it-teknoloġiji innovattivi skont

il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 13(2). Dawk id-dispożizzjonijiet dettaljati għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji li ġejjin għat-teknoloġiji innovattivi:

- (a) il-fornitur jew il-manifattur għandu jkun responsabbli għall-iffrankar ta' CO₂ miksub bl-użu tat-teknoloġiji innovattivi;
 - (b) it-teknoloġiji innovattivi għandhom jagħtu kontribut ivverifikat għat-tnaqqis tas-CO₂;
 - (c) it-teknoloġiji innovattivi m'għandhomx ikunu koperti mill-kejl standard taċ-ċiklu tat-test tas-CO₂ jew minn dispożizzjonijiet obbligatorji minħabba miżuri addizzjonali kumplimentari konformi mat-tnaqqis ta' 10 g CO₂/km li jissewma' fl-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 443/2009 jew ikunu obbligatorji skont dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi Komunitarja.
3. Fornitur jew manifattur li japplika għal miżura li trid tiġi approvata bħala teknoloġija innovattiva għandu jibgħat rapport, inkluż rapport ta' verifika mwettaq minn korp indipendenti u ċċertifikat, lill-Kummissjoni. F'każ ta' interazzjoni possibbli tal-miżura ma' teknoloġija innovattiva oħra diġà approvata, ir-rapport għandu jsewmi li l-interazzjoni u r-rapport ta' verifika għandhom jevalwaw sa liema punt dik l-interazzjoni timmodifika t-tnaqqis miksub minn kull miżura.
 4. Il-Kummissjoni għandha tafferma t-tnaqqis miksub fuq il-bażi tal-kriterji stipulati fil-paragrafu 2.

Artikolu 12

Analiżi u rapport

1. Sal-31 ta' Ottubru 2016, u għal kull tliet snin minn dik id-data 'l quddiem, għandhom jiġu adottati miżuri li jemendaw l-Anness I biex jiġi aġġustat il-valur tal-M0, imsewmi fih, għall-massa medja ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda fit-tliet snin kalendarji preċedenti.

Dawk il-miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ għall-ewwel darba nhar l-1 ta' Jannar 2018 u kull tliet snin wara dik id-data.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msewmi fl-Artikolu 13(3).
2. Il-Kummissjoni għandha tinkludi vetturi kummerċjali ħfief fl-analiżi tal-proċeduri biex jitkejlu l-emissjonijiet tas-CO₂ skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 443/2009.

Mid-data tal-applikazzjoni tal-proċedura riveduta biex jitkejlu l-emissjonijiet tas-CO₂, it-teknoloġiji innovattivi m'għandhomx jibqgħu jiġu approvati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11.
3. Il-Kummissjoni għandha tinkludi vetturi kummerċjali ħfief fl-analiżi tad-Direttiva 2007/46/KE skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament Nru 443/2009.

4. Sal-1 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni għandha tlesti analiżi tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi fl-Anness I u tad-derogi fl-Artikolu 10, bil-għan li tiddefinixxi:

- soġġett għall-konferma tal-fattibbiltà abbażi tar-riżultati aġġornati tal-valutazzjoni tal-impatt, il-modalitajiet biex sas-sena 2020 tintlaħaq mira fit-tul ta' 135 g CO₂/km b'mod kost-effettiv; u
- l-aspetti tal-implimentazzjoni tal-mira, inkluż il-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi.

Fuq il-bażi ta' analiżi bħal din u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha, li tinkludi valutazzjoni ġenerali tal-impatt fuq l-industrija tal-karozzi u l-industriji dipendenti fuqha, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq,

- tagħmel proposta biex temenda dan ir-Regolament b'mod li jkun newtrali kemm jista' jkun possibbli mill-perspettiva tal-kompetizzjoni, u li jkun soċjalment ugwali u sostenibbli
- tikkonferma l-inklużjoni ta' vetturi fil-kategorija N2 u M2 f'dan ir-Regolament kif imfisser fl-Anness II għad-Direttiva Nru 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma taqbiżx l-2 610 kg u għal vetturi li l-approvazzjoni tat-tip għalihom tiġi estiża skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

Dawk il-miżuri, mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu adottati skont il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju msemmi fl-Artikolu 13(3).

5. Sas-sena 2014, il-Kummissjoni għandha, wara li tlesti valutazzjoni tal-impatt, tippubblika rapport dwar id-disponibbiltà tad-dejta dwar id-daqs tal-pass (footprint) u l-parti tat-tagħbija li trid tinġarr (payload) u l-użu tagħhom bħala parametri ta' utilità sabiex jiġu ddeterminati l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi u, jekk ikun xieraq, għandha tibgħat proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jemendaw l-Anness I.

6. Għandhom jiġu adottati miżuri li jipprovdu għall-addattament meħtieġ għall-formoli tal-Anness I sabiex jirriflettu kwalunkwe tibdil fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmi fl-Artikolu 13(3).

7. Sas-sena 2015, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-metodu li jiddetermina l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tal-karozzi kompletati fil-paragrafu 7 tal-Parti B tal-Anness II u, jekk ikun xieraq, għandha tibgħat proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jemendaw l-Anness II.

Artikolu 13

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhjuna mill-kumitat stabbilit mill-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 93/389/KEE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġi kkunsidrat l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġi kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 14 **Dħul fis-Seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara dakinhar li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

MIRI TAL-EMISSIONIJET SPEĊIFIĊI TAS-CO₂.

1. L-emissionijiet speċifiċi u indikattivi ta' CO₂ għal kull vettura kummerċjali ħafifa, imkejla fi grammi għal kull kilometru, għandhom jiġu stabbiliti skont il-formuli li ġejjin:
 - (a) Mill-2014 sal-2017:

Emissionijiet speċifiċi u indikattivi ta' CO₂ = $175 + a \times (M - M_0)$

Fejn:

M = il-massa tal-vettura f'kilogrammi (kg)

 $M_0 = 1706,0$

 $a = 0,093$
 - (b) Mill-2018:

Emissionijiet speċifiċi u indikattivi ta' CO₂ = $175 + a \times (M - M_0)$

Fejn:

M = il-massa tal-vettura f'kilogrammi (kg)

 M_0 = il-valur adottat skont l-Artikolu 12(1)

 $a = 0,093$
2. Il-mira speċifika tal-emissionijiet għal manifattur f'sena kalendarja għandha tiġi kkalkolata bħala l-medja tal-emissionijiet speċifiċi u indikattivi ta' CO₂ ta' kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata li jimmanifattura f'dik is-sena kalendarja.

ANNEX II
IL-MONITORAĠĠ U R-RAPPURTAĠĠ TAL-EMISSIONIJIET

A. IL-ĠBIR TA' DEJTA DWAR VETTURI KUMMERĊJALI ĦFIEF U D-DETERMINAZZJONI TAL-INFORMAZZJONI DWAR IL-MONITORAĠĠ TAL-EMISSIONIJIET TAS-CO₂

1. Għas-sena li tibda fl-1 ta' Jannar 2011 u għal kull sena sussegwenti, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-dettalji li ġejjin għal kull vettura kummerċjali ħafifa li tiġi rreġistrata fit-territorju tagħhom:
 - (a) il-manifattur;
 - (b) it-tip, il-varjant u l-verżjoni tagħha;
 - (c) l-emissionijiet speċifiċi ta' CO₂ tagħha (f'g/km);
 - (d) il-massa tagħha (f'kg);
 - (e) il-bażi tar-rota tagħha (f'mm);
 - (f) it-tul bejn rota u oħra (f'mm);
 - (g) parti mit-tagħbija tagħha (f'kg).
2. Id-dettalji li ssir referenza għalihom f'punt 1 għandhom jittieħdu miċ-ċertifikat ta' konformità għall-vettura kummerċjali ħafifa rilevanti. Fejn iċ-ċertifikat ta' konformità jispeċifika kemm il-massa minima kif ukoll il-massa massima għal vettura kummerċjali ħafifa, l-Istati Membri għandhom jużaw biss iċ-ċifra massima għall-iskop ta' dan ir-Regolament. Fil-każ ta' vetturi li jagħmlu użu minn żewġ tipi ta' fjuwil (petrol/gass) li iċ-ċertifikati ta' konformità tagħhom iġorru ċifri speċifiċi ta' emissionijiet tas-CO₂ għaż-żewġ tipi ta' fjuwil, l-Istati Membri għandhom jużaw biss iċ-ċifra mkejla għall-gass.
3. Għas-sena kalendarja li tibda mill-1 ta' Jannar 2011 u għal kull sena kalendarja sussegwenti, kull Stat Membru għandu jiddetermina, skont il-metodi stabbiliti fil-Parti B, għal kull manifattur:
 - (a) l-għadd totali ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fit-territorju tiegħu;
 - (b) l-emissionijiet speċifiċi medji tas-CO₂, kif speċifikat fil-punt 2 tal-Parti B ta' dan l-Anness;
 - (c) il-massa medja, kif speċifikat fil-punt 3 tal-Parti B ta' dan l-Anness;
 - (d) għal kull varjant ta' kull verżjoni ta' kull tip ta' vettura kummerċjali ħafifa ġdida:
 - (i) l-għadd totali ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fit-territorju tiegħu, kif speċifikat fil-punt 4 tal-Parti B ta' dan l-Anness;
 - (ii) l-emissionijiet speċifiċi ta' CO₂;

(iii) il-massa;

(iv) id-daqs tal-pass tal-vettura, kif speċifikat fil-punt 5 tal-Parti B ta' dan l-Anness

(v) il-parti tat-tagħbija li trid tinġarr.

B. IL-METODOLOĠIJA BIEX TIĠI DDETERMINATA L-INFORMAZZJONI DWAR IL-MONITORAĠĠ TAS-CO₂ GĦAL VETTURI KUMMERĊJALI ĦFIEF ĠODDA

L-informazzjoni dwar il-monitoraġġ li l-Istati Membri huma marbuta jiddeterminaw skont il-paragrafu 3 tal-parti A għandha tiġi ddetterminata skont il-metodoloġija f'din il-Parti.

1. L-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda li ġew irreġistrati (N).

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fit-territorju tagħhom matul is-sena ta' monitoraġġ rispettiva (N).

2. L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda (S_{ave})

L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru fis-sena ta' monitoraġġ (S_{ave}) jiġu kkalkulati billi l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ jiġu diviżi għal kull karozza individwali ġdida, S , bl-għadd ta' karozzi ġodda, N .

$$S_{ave} = (1/N) \times \sum S$$

3. Il-massa medja ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda

Il-massa medja tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fit-territorju ta' Stat Membru fis-sena ta' monitoraġġ (M_{ave}) tiġi kkalkulata billi wieħed jiddividi l-massa ta' kull karozza individwali ġdida, M , bl-għadd ta' karozzi ġodda, N .

$$M_{ave} = (1/N) \times \sum M$$

4. It-tqassim ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda skont il-verżjoni

Għal kull verżjoni ta' kull varjant ta' kull tip ta' vettura kummerċjali ħafifa ġdida, għandu jitniżżel l-għadd ta' karozzi rreġistrati għall-ewwel darba, il-massa tal-vetturi, l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ u d-daqs tal-pass tal-vettura.

5. Id-daqs tal-pass

Id-daqs tal-pass tal-vettura għandha tiġi kkalkulata permezz tal-multiplikazzjoni tat-tul bejn roita u oħra (wheelbase) tal-karozza mal-wisa' bejn rota u oħra (track width) tal-vettura.

6. Il-parti tat-tagħbija li trid tinġarr

Il-parti tat-tagħbija li trid tinġarr tal-vettura għandha tiġi definita bħala d-differenza bejn il-massa massima teknikament permissibbli skont l-Anness III għad-Direttiva 2007/46/KE u l-massa tal-vettura.

7. Emissjonijiet speċifiċi ta' vetturi kompletati

L-emissjonijiet speċifiċi tal-vetturi kompletati għandhom jiġu stabbiliti skont id-Direttiva 2004/3/KE. Fejn dak il-valur ma jkunx disponibbli, l-emissjonijiet speċifiċi ta' vettura kompletata għandhom jiġu stabbiliti f'livell ugwali għall-ogħla valur tal-emissjonijiet speċifiċi tal-vetturi kompletati kollha li huma tal-istess tip ta' vettura bħall-vettura li mhix kompletata li fuqha hija bbażata l-vettura kompletata, u li hija rreġistrata fl-UE fl-istess sena ta' monitoraġġ, fejn it-'tip ta' vettura' huwa definit skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/46/KE. Jekk ikun hemm aktar minn tliet valuri differenti ta' emissjonijiet speċifiċi tal-vetturi kompletati kollha, għandhom jintużaw it-tieni l-ogħla emissjonijiet speċifiċi.

C. FORMAT GĦAT-TRAŻMISSJONI TAD-DEJTA

Għal kull manifattur, u għal kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-dejta deskritta fil-punt 3 tal-parti A fil-formati li ġejjin:

Dejta aggregata:

Sena:			
Manifattur	L-għadd totali ta' vetturi kummerċjali hfiyf ġodda rreġistrati	l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO ₂ tagħha (f' g/km);	Massa medja (kg) Id-daq medju tal-pass (m ²) Parti medja mit-tagħbija(kg)
(Manifattur 1)	...	...	...
(Manifattur 2)	...	...	...
...	...	...	...
Total tal-manifatturi kollha	...	...	...

Data dettaljata fil-livell ta' manifattur:

Sena	Manifattur	Tip ta' vettura kummerċjali ħafifa	Varjant	Verżjoni	Kategorija ta' vettura tat-tip approvat	Kategorija ta' vettura rreġistrata	Għamla	Isem kummerċjali	Kodiċi ta' teknoloġija innovattiva jew grupp ta' teknoloġiji innovattivi ¹⁹	Total ta' reġistrazzjonijiet ġodda	Emissjonijiet speċifiċi fCO ₂ (g/km)	Konsum ta' idroġenu (g/km)	Konsum ta' enerġija elettriċa(Wh/km)	Massa (kg)	Daqs tal-pass (m ²)	Parti medja mit-tagħbija(kg)	Tnaqqis tal-emissjonijiet permezz tat-teknoloġiji innovattivi ²⁰
Sena 1	(Isem il-manifattur 1)	(isem tat-tip 1)	(isem tal-varjant 1)	(isem tal-verżjoni 1)	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...

Sena 1	(Isem il-manifattur 2)	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...	...
--------	------------------------	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----